Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 10 ta' Settembru 2021**
**(OR. en)**

**11743/21**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0288(NLE)**

**AELE 92**
**EEE 76**
**N 115**
**ISL 71**
**FL 71**
**TRANS 536**
**MI 661**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 10 ta' Settembru 2021 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2021) 546 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, dwar l-emenda tal-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE (it-3 u r-4 Pakketti Ferrovjarji) |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 546 final.

---

Mehmuż: COM(2021) 546 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.9.2021
COM(2021) 546 final

2021/0288 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, dwar l-emenda tal-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE**

**(it-3 u r-4 Pakketti Ferrovjarji)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IS-SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE b'rabta mal-adozzjoni prevista tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt dwar emenda tal-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE.

## 2. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 2.1. Il-Ftehim ŻEE

Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE") jiggarantixxi drittijiet u obbligi ugwali fis-Suq Intern għaċ-ċittadini u l-operaturi ekonomiċi fiż-ŻEE. Jipprevedi l-inklużjoni ta' leġiżlazzjoni tal-UE li tkopri l-erba' libertajiet fit-30 Stat taż-ŻEE li jinkludu l-Istati Membri tal-UE, in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein. Barra minn hekk, il-Ftehim ŻEE jkopri l-kooperazzjoni f'oqsma importanti oħra bħar-riċerka u l-iżvilupp, l-edukazzjoni, il-politika soċjali, l-ambjent, il-protezzjoni tal-konsumatur, it-turiżmu u l-kultura, li kollettivament huma magħrufa bħala politiki "ta' appoġġ u orizzontali". Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994. L-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Istati Membri tagħha, hija parti għall-Ftehim.

### 2.2. Il-Kumitat Kongunt taż-ŻEE

Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-Ftehim ŻEE. Huwa forum għall-iskambju ta' fehmiet marbuta mal-funzjonament tal-Ftehim dwar iż-ŻEE. Id-deċiżjonijiet tiegħu jittieħdu permezz ta' kunsens. F'konformità mat-Trattat ta' Lisbona, ir-responsabbiltà għall-koordinazzjoni tal-kwistjonijiet taż-ŻEE fuq in-naħa tal-UE hija tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

### 2.3. L-att previst tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE huwa mistenni jadotta żewġ Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE ("l-atti previsti") rigward l-emenda tal-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE. L-iskop tal-atti previsti huwa li jiġi inkorporat 38 att legali li jifforma t-3 u r-4 Pakkett Ferrovjarju fil-Ftehim dwar iż-ŻEE kif imiss:

**Anness 1 – it-3 Pakkett Ferrovjarju**

1. Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea[1], kif korretta minn ĠU L 67, 12.3.2015, p. 32;

2. Direttiva (UE) 2016/2370 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Direttiva 2012/34/UE fir-rigward tal-ftuħ tas-suq tas-servizzi tat-trasport domestiku tal-passiġġieri bil-ferrovija u l-governanza tal-infrastruttura ferrovjarja[2];

3. Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/171 tal- 4 ta' Frar 2015 dwar ċerti aspetti tal-proċedura ta' liċenzjar tal-impriżi ferrovjarji[3];

---

[1] ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32.
[2] ĠU L 352, 23.12.2016, p. 1.
[3] ĠU L 29, 5.2.2015, p. 3.

4. Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/429 tat-13 ta' Marzu 2015 li jistabbilixxi l-modalitajiet li għandhom jiġu segwiti għall-applikazzjoni tal-imposti għall-ispejjeż tal-effetti tal-istorbju[4];

5. Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/909 tat-12 ta' Ġunju 2015 dwar il-modalitajiet għall-kalkolu tal-ispiża direttament imġarrba minħabba t-tħaddim tas-servizz ferrovjarju[5];

6. Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1100 tas-7 ta' Lulju 2015 dwar l-obbligi ta' rapportar tal-Istati Membri fil-qafas tal-monitoraġġ tas-suq ferrovjarju[6];

7. Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/545 tas-7 ta' April 2016 dwar proċeduri u kriterji li għandhom x'jaqsmu ma' ftehimiet qafas għall-allokazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja[7];

8. Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2177 tat-22 ta' Novembru 2017 dwar l-aċċess għall-faċilitajiet ta' servizz u għas-servizzi relatati mal-ferroviji[8];

9. Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1795 tal-20 ta' Novembru 2018 li jistabbilixxi l-proċedura u l-kriterji għall-applikazzjoni tat-test tal-bilanċ ekonomiku skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9];

10. Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/2075 tal-4 ta' Settembru 2017 li tissostitwixxi l-Anness VII għad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea[10]

**Anness 2 - Ir-4 Pakkett Ferrovjarju**

1. Regolament (UE) Nru 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004[11];

2. Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (riformulazzjoni)[12];

3. Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar is-sikurezza ferrovjarja (riformulazzjoni)[13], kif korrett mill-ĠU L 59, 7.3.2017, p. 41 u minn ĠU L 317, 9.12.2019, p. 144-144;

4. Regolament (UE) 2016/2338 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1370/2007 fir-rigward tal-ftuħ tas-suq għas-servizzi tat-trasport domestiku tal-passiġġieri bil-ferrovija[14];

---

[4] ĠU L 70, 14.3.2015, p. 36.
[5] ĠU L 148, 13.6.2015, p. 17.
[6] ĠU L 181, 9.7.2015, p. 1.
[7] ĠU L 94, 8.4.2016, p. 1.
[8] ĠU L 307, 23.11.2017, p. 1.
[9] ĠU L 294, 21.11.2018, p. 5.
[10] ĠU L 295, 14.11.2017, p. 69.
[11] ĠU L 138, 26.5.2016, p. 1.
[12] ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44.
[13] ĠU L 138, 26.5.2016, p. 102.
[14] ĠU L 354, 23.12.2016, p. 22.

5. Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/554 tal-5 ta' April 2019 li jemenda l-Anness VI tad-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità[15];

6. Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1305/2014 tal-11 ta' Diċembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità relatata mas-subsistema "applikazzjonijiet telematiċi għas-servizz tat-trasport tal-merkanzija" tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 62/2006[16];

7. Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/761 tas-16 ta' Frar 2018 li jistabbilixxi metodi komuni tas-sikurezza għas-superviżjoni minn awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza wara l-ħruġ ta' ċertifikat tas-sikurezza uniku jew ta' awtorizzazzjoni tas-sikurezza skont id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1077/2012[17];

8. Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/762 tat-8 ta' Marzu 2018 li jistabbilixxi metodi komuni ta' sikurezza dwar ir-rekwiżiti tas-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza skont id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 1158/2010 u (UE) Nru 1169/2010[18];

9. Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/6 tal-5 ta' Jannar 2017 dwar il-pjan Ewropew ta' mobilitazzjoni għas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju[19];

10. Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/278 tat-23 ta' Frar 2018 li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1305/2014 rigward l-istruttura tal-messaġġi, il-mudell tad-*data* u tal-messaġġi, u l-Bażi tad-*Data* Operazzjonali tal-Vaguni u tal-Unitajiet Intermodali, u li jadotta standard tal-IT għas-saff ta' komunikazzjoni tal-Interfaċċa Komuni[20];

11. Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/545 tal-4 ta' April 2018 li jistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi għall-awtorizzazzjoni ta' vetturi ferrovjarji u għall-proċess tal-awtorizzazzjoni tat-tip ta' vetturi ferrovjarji skont id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21];

12. Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/763 tad-9 ta' April 2018 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' sikurezza uniċi għall-impriżi ferrovjarji skont id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 653/2007[22];

13. Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/764 tat-2 ta' Mejju 2018 dwar it-tariffi u l-imposti li għandhom jitħallsu lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u l-kundizzjonijiet għall-ħlas tagħhom[23];

---

15 ĠU L 97, 8.4.2019, p. 1.
16 ĠU L 356, 12.12.2014, p. 438.
17 ĠU L 129, 25.5.2018, p. 16.
18 ĠU L 129, 25.5.2018, p. 26.
19 ĠU L 3, 6.1.2017, p. 6.
20 ĠU L 54, 24.2.2018, p. 11.
21 ĠU L 90, 6.4.2018, p. 66.
22 ĠU L 129, 25.5.2018, p. 49.
23 ĠU L 129, 25.5.2018, p. 68.

14. Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/867 tat-13 ta' Ġunju 2018 li jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tal-Bord(ijiet) tal-Appell tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji[24];

15. Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/868 tat-13 ta' Ġunju 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1301/2014 u r-Regolament (UE) Nru 1302/2014 rigward id-dispożizzjonijiet dwar is-sistema tal-kejl tal-enerġija u s-sistema tal-ġbir tad-*data*[25];

16. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/250 tat-12 ta' Frar 2019 dwar il-mudelli għad-dikjarazzjonijiet u ċ-ċertifikati "KE" għall-kostitwenti u s-subsistemi ta' interoperabbiltà ferrovjarja, dwar il-mudell ta' dikjarazzjoni ta' konformità ma' tip awtorizzat ta' vettura ferrovjarja u dwar il-proċeduri ta' verifika "KE" għas-subsistemi f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 201/2011[26];

17. Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/772 tas-16 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1300/2014 fir-rigward tal-inventarju tal-assi bil-ħsieb li jiġu identifikati l-ostakli għall-aċċessibbiltà, jingħata tagħrif lill-utenti u jiġi monitorjat u evalwat il-progress fil-qasam tal-aċċessibbiltà[27];

18. Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/773 tas-16 ta' Mejju 2019 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika ta' interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' operat u ġestjoni tat-traffiku tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni 2012/757/UE[28];

19. Regolament Ta' Implimentazzjoni Tal-Kummissjoni (UE) 2019/774 tas-16 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1304/2014 fir-rigward tal-applikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema tal-"vetturi ferrovjarji — storbju" għall-vaguni tal-merkanzija eżistenti[29];

20. Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/775 tas-16 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 454/2011 fir-rigward tal-Ġestjoni tal-Kontroll tat-Tibdil[30];

21. Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/776 tas-16 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 321/2013, (UE) Nru 1299/2014, (UE) Nru 1301/2014, (UE) Nru 1302/2014, (UE) Nru 1303/2014 u (UE) 2016/919 u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/665/UE fir-rigward tal-allinjament mad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-implimentazzjoni tal-objettivi speċifiċi stipulati fid-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/1474[31];

---

[24] ĠU L 149, 14.6.2018, p. 3.
[25] ĠU L 149, 14.6.2018, p. 16.
[26] ĠU L 42, 13.2.2019, p. 9.
[27] ĠU L 139I , 27.5.2019, p. 1.
[28] ĠU L 139I , 27.5.2019, p. 5.
[29] ĠU L 139I , 27.5.2019, p. 89.
[30] ĠU L 139I , 27.5.2019, p. 103.
[31] ĠU L 139I , 27.5.2019, p. 108.

22. Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/777 tas-16 ta' Mejju 2019 dwar l-ispeċifikazzjonijiet komuni għar-reġistru tal-infrastruttura ferrovjarja u li jħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE[32];

23. Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/778 tas-16 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1305/2014 fir-rigward tal-Ġestjoni tal-Kontroll tat-Tibdil[33];

24. Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/779 tas-16 ta' Mejju 2019 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati dwar sistema ta' ċertifikazzjoni tal-entitajiet inkarigati mill-manutenzjoni tal-vetturi skont id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 445/2011[34];

25. Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/387 tad-9 ta' Marzu 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 321/2013, (UE) Nru 1302/2014 u (UE) 2016/919 fir-rigward tal-estensjoni taż-żona tal-użu u l-fażijiet tat-tranżizzjoni[35];

26. Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/424 tad-19 ta' Marzu 2020 dwar il-preżentazzjoni ta' informazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward tan-nonapplikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' interoperabbiltà skont id-Direttiva (UE) 2016/797[36];

27. Direttiva tal-Kummissjoni 2014/38/UE tal-10 ta' Marzu 2014 li temenda l-Anness III tad-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tniġġis akustiku[37];

28. Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1614 tal-25 ta' Ottubru 2018 li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għar-reġistri tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 47 tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li temenda u tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/756/KE[38].

## 3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-Kummissjoni tippreżenta l-Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għall-adozzjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun fil-qagħda li tippreżentah fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mal-ewwel opportunità possibbli.

Il-kontenut u n-natura tal-abbozz tad-Deċiżjoni annessa tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jmorru lil hinn minn dawk li jistgħu jitqiesu bħala sempliċi adattamenti tekniċi fis-sens tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2894/94. Għaldaqstant, il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi stabbilita mill-Kunsill.

Id-Deċiżjonijiet annessi tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fihom, *fost l-oħrajn*, l-adattamenti li ġejjin.

**It-3 Pakkett Ferrovjarju**

<u>Direttiva 2012/34 - Artikolu 40(2) - adattament (1c)</u>

---

32 ĠU L 139I , 27.5.2019, p. 312.
33 ĠU L 139I , 27.5.2019, p. 356.
34 ĠU L 139I , 27.5.2019, p. 360.
35 ĠU L 73, 10.3.2020, p. 6.
36 ĠU L 84, 20.3.2020, p. 20.
37 ĠU L 70, 11.3.2014, p. 20.
38 ĠU L 268, 26.10.2018, p. 53.

L-Artikolu 40(2) jistabbilixxi li l-Kummissjoni għandha tiġi infurmata u mistiedna tattendi bħala osservatur għal-laqgħat prinċipali li fihom jiġu żviluppati prinċipji u prattiki komuni għall-allokazzjoni tal-infrastruttura. L-adattamenti jiċċaraw li l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tiġi infurmata u mistiedna għal-laqgħat bl-istess termini bħall-Kummissjoni, li jirriflettu l-istruttura ta' żewġ pilastri tal-Ftehim ŻEE.

Direttiva 2012/34 - Artikolu 15(5) -adattament (1d)

L-Artikolu 15(5) jistabbilixxi rekwiżiti relatati mas-sottomissjoni annwali ta' informazzjoni dwar l-użu tan-netwerks u l-evoluzzjoni tal-kundizzjonijiet qafas fis-settur ferrovjarju. Skont ftehim ta' konċessjoni bejn il-Liechtenstein u l-Awstrija, l-obbligu tal-Liechtenstein li jipprovdi fuq bażi annwali l-informazzjoni meħtieġa dwar l-użu tan-netwerks u l-evoluzzjoni tal-kundizzjonijiet qafas fis-settur ferrovjarju għandu jiġi ssodisfat mill-federazzjoni ferrovjarja Awstrijaka, peress li l-federazzjoni ferrovjarja Awstrijaka tippossjedi u topera l-infrastruttura ferrovjarja eżistenti kollha fil-Liechtenstein. Mill-perspettiva tal-federazzjoni ferrovjarja Awstrijaka, in-netwerk/infrastruttura ferrovjarja fuq l-art tal-Liechtenstein huwa parti minnu u huwa operat u ssorveljat kif xieraq. Għalhekk, għandu jiżdied paragrafu mal-Artikolu 15 li jistabbilixxi li l-obbligu fl-Artikolu 15(5) ma għandux ikun applikabbli għal-Liechtenstein sa fejn Stat Membru tal-UE jkun ipprovda, għal sena partikolari, data lill-Kummissjoni li tinkludi t-territorju tal-Liechtenstein. Għandu japplika għad-data l-oħra kollha koperta mill-Artikolu 15(5).

**Ir-4 Pakkett Ferrovjarju**

*Artikolu 55 — Bordijiet tal-Appell*

Adattament għar-Regolament (UE) 2016/796, l-Artikolu 55 jipprevedi li ċ-ċittadini taż-ŻEE-EFTA għandhom ikunu eliġibbli bħala membri tal-Bordijiet tal-Appell, li jimplika wkoll id-dritt tal-vot. L-istess tip ta' adattament intuża meta r-Regolament li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni ġie inkorporat fil-Ftehim ŻEE bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 163/2011.

## 4. BAŻI ĠURIDIKA

### 4.1. Bażi ġuridika proċedurali

#### *4.1.1. Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*"

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi atti li għandhom effetti legali bis-saħħa ta' regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni*"[39].

#### *4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE huwa korp imwaqqaf permezz ta' ftehim, jiġifieri l-Ftehim ŻEE. Iż-żewġ atti, li l-Kumitat Konġunt taż-ŻEE huwa mitlub jadotta, jikkostitwixxi att b'effetti

[39] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti minn 61 sa 64.

legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikoli 103 u 104 tal-Ftehim ŻEE.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim. Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE flimkien mal-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2894/94 f'dak li jirrigwarda l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

### 4.2. Bażi ġuridika sostantiva

#### *4.2.1. Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE b'rabta mal-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2894/94 tiddependi primarjament fuq il-bażi ġuridika sostantiva tal-atti legali tal-UE li għandhom jiġu inkorporati fil-Ftehim ŻEE.

Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew minn dawk il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik mitluba mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

#### *4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-għan u l-kontenut ewlenin tal-att previst jirrigwardaw it-trasport. Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu°91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

### 4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 91, b'rabta mal-Artikolu 218(9) TFUE u l-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

## 5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi l-att tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE se jemenda l-Anness XIII (Trasport) dwar il-Ftehim taż-ŻEE, huwa xieraq li dan jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħu.

2021/0288 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, dwar l-emenda tal-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE

## (it-3 u r-4 Pakketti Ferrovjarji)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea[40], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea[41] ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.

(2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, l-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE li fih dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà soċjali.

(3) L-atti li ġejjin dwar it-trasport bil-ferrovija għandhom jiġu inkorporati fil-Ftehim ŻEE:

- Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[42],
- Direttiva (UE) 2016/2370 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[43],
- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/171[44],
- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/429[45],

---

40 ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

41 ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

42 Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea, kif korretta minn ĠU L 67, 12.3.2015, p.32, L 343, 14.12.2012, p. 32.

43 Id-Direttiva (UE) 2016/2370 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Direttiva 2012/34/UE fir-rigward tal-ftuħ tas-suq tas-servizzi tat-trasport domestiku tal-passiġġieri bil-ferrovija u l-governanza tal-infrastruttura ferrovjarja, ĠU L 352, 23.12.2016, p. 1.

44 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/171 tal-4 ta' Frar 2015 dwar ċerti aspetti tal-proċedura ta' liċenzjar tal-impriżi ferrovjarji, ĠU L 29, 5.2.2015, p. 3.

45 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/429 tat-13 ta' Marzu 2015 li jistabbilixxi l-modalitajiet li għandhom jiġu segwiti għall-applikazzjoni tal-imposti għall-ispejjeż tal-effetti tal-istorbju ĠU L 70, 14.3.2015, p. 36.

- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/909[46],

- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1100[47],

- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/545[48],

- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2177[49],

- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1795[50],

- Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/2075[51],

- Ir-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[52],

- Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[53],

- Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[54],

- Ir-Regolament (UE) 2016/2338 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[55],

- Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/554[56],

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1305/2014[57],

- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2018/761[58],

---

[46] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/909 tat-12 ta' Ġunju 2015 dwar il-modalitajiet għall-kalkolu tal-ispiża direttament imġarrba minħabba t-tħaddim tas-servizz ferrovjarju ĠU L 148, 13.6.2015, p. 17.

[47] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1100 tas-7 ta' Lulju 2015 dwar l-obbligi ta' rapportar tal-Istati Membri fil-qafas tal-monitoraġġ tas-suq ferrovjarju ĠU L 181, 9.7.2015, p. 1.

[48] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/545 tas-7 ta' April 2016 dwar proċeduri u kriterji li għandhom x'jaqsmu ma' ftehimiet qafas għall-allokazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja, ĠU L 94, 8.4.2016, p. 1.

[49] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2177 tat-22 ta' Novembru 2017 dwar l-aċċess għall-faċilitajiet ta' servizz u għas-servizzi relatati mal-ferroviji, ĠU L 307, 23.11.2017, p. 1.

[50] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1795 tal-20 ta' Novembru 2018 li jistabbilixxi l-proċedura u l-kriterji għall-applikazzjoni tat-test tal-bilanċ ekonomiku skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 294, 21.11.2018, p.5.

[51] Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/2075 tal-4 ta' Settembru 2017 li tissostitwixxi l-Anness VII tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea, ĠU L 295, 14.11.2017, p.69.

[52] Ir-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004, ĠU L 138, 26.5.2016, p. 1.

[53] Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (riformulazzjoni), ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44.

[54] Id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar is-sikurezza ferrovjarja (riformulazzjoni), kif ikkoreġuta mill-ĠU L 59, 7.3.2017, p. 41 u mill-ĠU L 317, 9.12.2019, p. 144–144, ĠU L 138, 26.5.2016, p. 102.

[55] Regolament (UE) 2016/2338 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1370/2007 fir-rigward tal-ftuħ tas-suq għas-servizzi tat-trasport domestiku tal-passiġġieri bil-ferrovija, ĠU L 354, 23.12.2016, p.22.

[56] Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/554 tal-5 ta' April 2019 li temenda l-Anness VI tad-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità ĠU L 97, 8.4.2019, p. 1.

[57] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1305/2014 tal-11 ta' Diċembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità fir-rigward tas-subsistema "applikazzjonijiet telematiċi għas-servizz tat-trasport tal-merkanzija" tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 62/2006, ĠU L 356, 12.12.2014, p. 438.

- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2018/762[59],
- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/6[60],
- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/278[61],
- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/545[62],
- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/763[63],
- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/764[64],
- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/867[65],
- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/868[66],
- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/250[67],
- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/772[68],

---

58 Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/761 tas-16 ta' Frar 2018 li jistabbilixxi metodi komuni tas-sikurezza għas-superviżjoni minn awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza wara l-ħruġ ta' ċertifikat tas-sikurezza uniku jew ta' awtorizzazzjoni tas-sikurezza skont id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1077/2012 (ĠU L 129, 25.5.2018, p. 16).

59 Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/762 tat-8 ta' Marzu 2018 li jistabbilixxi metodi komuni ta' sikurezza dwar ir-rekwiżiti tas-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza skont id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 1158/2010 u (UE) Nru 1169/2010 ĠU L 129, 25.5.2018, p. 26.

60 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/6 tal-5 ta' Jannar 2017 dwar il-pjan Ewropew ta' mobilitazzjoni għas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju ĠU L 3, 6.1.2017, p. 6.

61 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/278 tat-23 ta' Frar 2018 li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1305/2014 rigward l-istruttura tal-messaġġi, il-mudell tad-data u tal-messaġġi, u l-Bażi tad-Data Operazzjonali tal-Vaguni u tal-Unitajiet Intermodali, u li jadotta standard tal-IT għas-saff ta' komunikazzjoni tal-Interfaċċa Komuni ĠU L 54, 24.2.2018, p.11.

62 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/545 tal-4 ta' April 2018 li jistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi għall-awtorizzazzjoni ta' vetturi ferrovjarji u għall-proċess tal-awtorizzazzjoni tat-tip ta' vetturi ferrovjarji skont id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ĠU L 90, 6.4.2018, p. 66.

63 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/763 tad-9 ta' April 2018 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' sikurezza uniċi għall-impriżi ferrovjarji skont id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 653/2007, ĠU L 129, 25.5.2018, p. 49.

64 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/764 tat-2 ta' Mejju 2018 dwar it-tariffi u l-imposti li għandhom jitħallsu lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u l-kundizzjonijiet għall-ħlas tagħhom ĠU L 129, 25.5.2018, p. 68.

65 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/867 tat-13 ta' Ġunju 2018 li jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tal-Bord(ijiet) tal-Appell tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji, ĠU L 149, 14.6.2018, p. 3.

66 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/868 tat-13 ta' Ġunju 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1301/2014 u r-Regolament (UE) Nru 1302/2014 rigward id-dispożizzjonijiet dwar is-sistema tal-kejl tal-enerġija u s-sistema tal-ġbir tad-*data*, ĠU L 149, 14.6.2018, p. 16.

67 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/250 tat-12 ta' Frar 2019 dwar il-mudelli għad-dikjarazzjonijiet u ċ-ċertifikati "KE" għall-kostitwenti u s-subsistemi ta' interoperabbiltà ferrovjarja, dwar il-mudell ta' dikjarazzjoni ta' konformità ma' tip awtorizzat ta' vettura ferrovjarja u dwar il-proċeduri ta' verifika "KE" għas-subsistemi f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 201/2011 ĠU L 42, 13.2.2019, p. 9.

68 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/772 tas-16 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1300/2014 fir-rigward tal-inventarju tal-assi bil-ħsieb li jiġu identifikati l-

- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/773[69],

- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/774[70],

- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/775[71],

- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/776[72],

- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/777[73],

- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/778[74],

- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/779[75],

- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/387[76],

- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/424[77],

- Direttiva tal-Kummissjoni 2014/38/UE[78],

- Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1614[79],

---

ostakli għall-aċċessibbiltà, jingħata tagħrif lill-utenti u jiġi monitorjat u evalwat il-progress fil-qasam tal-aċċessibbiltà, ĠU L 139I, 27.5.2019, p. 1.

69 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/773 tas-16 ta' Mejju 2019 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' "operat u ġestjoni tat-traffiku" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni 2012/757/UE, ĠU L 139I, 27.5.2019, p. 5.

70 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/774 tas-16 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1304/2014 fir-rigward tal-applikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema tal-"vetturi ferrovjarji — storbju" għall-vaguni tal-merkanzija eżistenti, ĠU L 139I, 27.5.2019, p. 89.

71 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/775 tas-16 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 454/2011 fir-rigward tal-Ġestjoni tal-Kontroll tat-Tibdil ĠU L 139I, 27.5.2019, p.103.

72 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/776 tas-16 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 321/2013, (UE) Nru 1299/2014, (UE) Nru 1301/2014, (UE) Nru 1302/2014, (UE) Nru 1303/2014 u (UE) 2016/919 u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/665/UE fir-rigward tal-allinjament mad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-implimentazzjoni tal-objettivi speċifiċi stipulati fid-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/1474, ĠU L 139I, 27.5.2019, p. 108.

73 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/777 tas-16 ta' Mejju 2019 dwar l-ispeċifikazzjonijiet komuni għar-reġistru tal-infrastruttura ferrovjarja u li jħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE, ĠU L 139 I, 27.5.2019, p. 312.

74 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/778 tas-16 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1305/2014 fir-rigward tal-Ġestjoni tal-Kontroll tat-Tibdil ĠU L 139I, 27.5.2019, p. 356.

75 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/779 tas-16 ta' Mejju 2019 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati dwar sistema ta' ċertifikazzjoni tal-entitajiet inkarigati mill-manutenzjoni tal-vetturi skont id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 445/2011, ĠU L 139I, 27.5.2019, p. 360.

76 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/387 tad-9 ta' Marzu 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 321/2013, (UE) Nru 1302/2014 u (UE) 2016/919 fir-rigward tal-estensjoni taż-żona tal-użu u l-fażijiet tat-tranżizzjoni, ĠU L 73, 10.3.2020, p. 6.

77 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/424 tad-19 ta' Marzu 2020 dwar il-preżentazzjoni ta' informazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward tan-nonapplikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' interoperabbiltà skont id-Direttiva (UE) 2016/797, ĠU L 84, 20.3.2020, p.20.

78 Direttiva tal-Kummissjoni 2014/38/UE tal-10 ta' Marzu 2014 li temenda l-Anness III tad-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill safejn huwa kkonċernat it-tniġġis akustiku, ĠU L 70, 11.3.2014. p.20.

79 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1614 tal-25 ta' Ottubru 2018 li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għar-reġistri tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 47 tad-Direttiva (UE)

(4) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness XIII (Trasport) għall-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*L-Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*L-Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

---

2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li temenda u tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/756/KE, ĠU L 268, 26.10.2018, p. 53.